# Mro. Antonio Miruzzi (1867 – 1944)
## Xogħlijiet Marjani fir-repertorju tiegħu
### Mija u ħamsin sena minn twelidu



Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: 150 senu ilu, proprju fil-10 ta' Ottubru, twieled wieħed mill-aqwa surmastrijiet tal-banda li qatt rat Malta fl-ewwel tliet deċennji tas-seklu għoxrin. Ħafna studenti ħarġu minn taħt idejh. Kien surmast-direttur ta' għadd kbir ta' baned Maltin u Għawdxin. Il-pinna tiegħu kienet waħda prolifika u versatili għall-aħħar tant li, xogħlijietu ma jingħaddux. Dan huwa Mro. Antonio Miruzzi (1867 – 1944), li twieled il-Furjanu, u għex u miet il-Ħamrun. Għaldaqstant, fl-okkażjoni tal-150 anniversarju minn twelidu, għażilt li nitkellem fuq uħud mix-xogħlijiet Marjani li jinsabu fir-repertorju vast tiegħu.

Kliem muftieħ: Mro. Antonio Miruzzi, Ġimgħa l-Kbira, Marċi funebri, *Venerdì Santo* (Marcia funebre), *Stabat Mater* (Miruzzi), *O Del Cielo Regina Possente* (Marcia religiosa), University of Malta Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica 'San Ġorġ (Bormla), Soċjetà Mużikali San Ġużepp (Ħamrun), Soċjetà Filarmonika La Vincitrice (Isla), Soċjetà Filarmonica 'San Piju X' (Lija), Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija' (Luqa), Soċjetà Mużikali Nicolò Isouard (Mosta), Soċjetà Filarmonika Santa Marija (Mosta), Soċjetà Filarmonica Nazionale 'La Valette' (Valletta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica 'Leone' (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali 'Beland' (Żejtun).



Is-surmast Antonio Miruzzi kien bniedem sensittiv għall-aħħar għal ġrajjiet soċjali u drammatiċi ta' żmienu. Kienu jinfluwenzawh b'tali mod li kien sikwit jispiċċa jikkomemorahom fix-xogħlijiet tiegħu. Min jaf kemm-il funeral ra għaddej minn quddiemu ta' suldati li kienu jmutu fil-gwerra ta' Gallipoli u d-Dardanelli fi żmien l-ewwel Gwerra Dinjija. Ħafna drabi, dawn kienu jkunu akkumpanjati mill-baned militari sa ma jitwasslu saċ-ċimiterju Ta' Braxja, ftit 'il barra mill-qalba tal-Ħamrun fejn għex u miet. Xeni ta' niket u dieqa bħal m'huma dawn bilfors li kienu jqabbduh għafsa hekk kbira ta' qalb li, kienu jispirawh biex jikteb il-marċi funebri. Ħafna minnhom għadhom jindaqqu sal-ġurnata tal-lum mill-biċċa l-kbira tal-baned Maltin u Għawdxin waqt il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, jew f'xi kunċert sagru, jonkella f'xi funeral ta' persuna distinta. Kif jixhed l-istess manifest li jidher fuq il-lemin, mhux l-ewwel darba wkoll li, il-Banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun, taħt id-direzzjoni ta' Miruzzi, kienet tesegwexxi programmi mużikali pjuttost impennjattivi biex tferraħ lill-ħafna feruti u morda li kienu jinġiebu minn fuq il-kamp tal-battalja ħalli jiġu rikoverati fl-isptar militari fejn illum hemm l-Istitut Vincenzo Bugeja, dak iż-żmien, il-Ħamrun. Dawn il-programmi kienu jkunu akkumpanjati wkoll minn xi riċevimenti.



The "SAN GIUSEPPE" Band of Hamrun under the direction of Mro. A. Miruzzi, will play for the entertainment of the wounded at the Military Hospital, Hamrun, on Sunday 11 July, 1915, at 5,30 p.m. the following

PROGRAMME.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | March | CONVEGNO | [illegible] |
| 2. | Overture | VITA NUOVA | [illegible] |
| 3. | Selection | MARTHA | FLOTOW |
| 4. | Danse | LA DESIRADE | GIRONSEX |
| 5. | Selection | BALLO IN MASCHERA | VERDI |

NATIONAL ANTHEMS OF THE ALLIES

GOD SAVE THE KING.

Cousis's "DUBEC" & "NELSON" Cigarettes
The Army & Navy Favourites.




Kif jaf kulħadd, il-marċi funebri jindaqqu waqt il-purċissjoni li tfakkar mhux biss il-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu, iżda wkoll id-duluri li ġarrbet Sidtna Ommna Marija minħabba Binha. Fuq hekk, qed ninkludi wkoll il-marċi funebri ta' Miruzzi li jingħad li kiteb madwar erbatax minnhom. Iżda, mill-ftit riċerka li għadni għamilt s'issa jirriżulta li hemm talanqas tnax-il wieħed li huma żgur tiegħu. Kif jgħid tajjeb Mro. Stephen Dimech[1] f'email li kien bagħtli fit-30 ta' Ġunju 2015, wisq probabbli li, it-tnejn l-oħra bl-isem ta' *Amaritudine* u *Sulla Tomba di Elvira* ġew attribwitu lilu bi żball. Iżda, dan ma jfissirx li ma jistgħux jeżistu aktar marċi funebri minn tiegħu. L-istorjogarfu Għawdxi Anton Grazio Grech[2] isemmi li, fl-arkivju tal-banda 'Leone' ta' Għawdex hemm marċ funebri ddatat 7 ta' Marzu 1894. Li ġara naħseb kien li, meta Miruzzi ġie biex jirregala dawn il-marċi lill-baned ta' fejn kien iħabbat, tahom il-libretti b'sett ta' erbatax-il wieħed. Ħafna drabi dawn la kien itihom isem u wisq anqas jiffirmahom. Ġara li, maż-żmien dawn ittieħdu li huma kollha tal-istess kompożitur. (Fl-istampa t'hawn fuq tidher parti tal-flawt tal-marċ funebri *Venerdì Santo*.)

Intant, fit-tabella t'hawn taħt niżżilt l-isem tat-tnax-il marċ funebri li qedin nitkellmu fuqhom. Ħdejn kull wieħed immarkajt b'sinjal dawk il-baned, jiġifieri, 'San Ġużepp' (Ħamrun), 'Sant' Andrija' (Luqa), u Nicolò Isouard' (Mosta), li għandhom minnu. Wieħed jinnota wkoll li, il-Banda 'Beland (Żejtun) mhix imniżżla mal-oħrajn. Dan għas-sempliċi raġuni li, il-lista ta' marċi funebri għadha ma waslitilnix. Madankollu, nafu li, dawn kienu ġew irregalati minn Miruzzi flimkien ma' ħafna kompożizzjonijiet oħra minn tiegħu, u li jinsabu merfugħin b'għożża kbira fl-arkivju ta' din is-soċjetà mużikali.

| | Isem | Ħamrun | Luqa | Mosta | | Isem | Ħamrun | Luqa | Mosta |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | |
| 01 | *Cordoglio* | ✓ | ✓ | ✓ | 07 | *Rimpianto* | ✓ | ✓ | ✓ |
| 02 | *Sconforto* | | ✓ | ✓ | 08 | *Giorno di Pianto* | ✓ | ✓ | ✓ |
| 03 | *Remembranze* | ✓ | ✓ | ✓ | 09 | *Lagrime* | ✓ | | ✓ |
| 04 | *Cadavere* | | ✓ | ✓ | 10 | *Ai Miei Cari* | | ✓ | ✓ |
| 05 | *Una Lacrima* | ✓ | ✓ | ✓ | 11 | *Venerdì Santo* | ✓ | ✓ | ✓ |
| 06 | *Triste Pensieri* | | ✓ | ✓ | 12 | *Tristezza* | ✓ | | |

Innu ieħor ta' Miruzzi ddedikat lil Madonna huwa bla dubju ta' xejn, l-Innu Solenni '*Alla Beata Maria Vergine*'. Is-Soċjetà Filarmonica 'Nicolò Isouard' tal-Mosta hija fost l-ewwel baned li Miruzzi ħa f'idejh fl-1894. 'Din il-banda għenitu ħafna biex jakkwista ċertu esperjenza kemm fit-tagħlim u kemm fid-direzzjoni. Is-suċċessi li kiseb magħha servew biex ismu jixtered fil-kamp mużikali ta' dak iż-żmien.'[3] Dam imexxieha sal-1909[4]. Minbarra l-innu solenni, hu ħallielha wkoll, fost xogħlijiet oħrajn, l-'Innu Nicolò Isouard' (innu tal-banda), 'Omaggio Nicolò Isouard' (*marcia sinfonica*), u 'O Del Cielo Regina' (1897) (*marcia religiosa*), li fuqu ser nitkellmu aktar tard.

---

[1] Fil-preżent surmst-direttur tal-banda 'Nicolò Isouard' tal-Mosta.
[2] 14-il profil ta' mużiċisti Għawdxin, Maltin u barranin.
[3] Joseph Mifsud Matrenza: Maestro Antonio Miruzzi. Ktieb tal-festa Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' Ħamrun 1994, pġ. 235.
[4] Skont Joseph Vella Bondin, Miruzzi dam sal-1910 ma' din il-banda, u 'l-preċiżjoni li kisbet taħtu xerrdet ismu ma' Malta kollha.' (Il-Mużika ta' Malta fis-sekli XIX u XX, pġ. 202-3.)

Mingħand Mro. Stephen Dimech insiru nafu li, il-versi bit-Taljan tal- Innu Solenni '*Alla Beata Maria Vergine*' huma ta' Dun Agostino Azzopardi[5] (1855-1922). Dun Wistin kien ippubblika għadd ta' poeżiji minn tiegħu fi ktejjeb li jġib l-isem ta' *Armonie Poetiche* (1910). Is-Surmast hu tal-fehma li, 'Miruzzi silet diversi strofi minn diversi poeżiji *li jinsabu f'dan il-ktejjeb* biex użahom meta ikkompona l-Innu'. Meta mistoqsi dwar il-possibiltà ta' data ta' meta seta' nkiteb l-innu, it-tweġiba kienet fin-negattiv, però żgur li qabel l-1910, meta mbagħad, is-Soċjetà Filarmonica 'Nicolò Isouard' għaddiet f'idejn Mro. Ferdinand Camilleri. Mill-banda l-oħra, skont Mifsud Matrenza, l-istorjografu tal-Banda Ġużeppina Ħamruniża, l-Innu Solenni '*Alla Beata Maria Vergine*' kien l-ewwel kapolavur tiegħu ta' din ix-xorta.[6] Skontu wkoll, dan l-innu hu 'mimli melodija u armonija.'[7]

Bħal dan l-Innu hemm oħrajn minn ta' Miruzzi. Fost dawn insemmu l-Innu '*Maria Vergine del Mare'* għas-*Società Filarmonica* '*I Cavalieri di Malta*'[8] ta' Tas-Sliema, fuq versi tas-Saċerdot Dun Pawl Vella D.D.[9] Dan l-innu kien iżżanżan f'lejlet il-festa ta' Stella Maris fit-23 ta' Awwissu 1902.[10] Hemm ukoll l-Innu '*A Maria Vergine con voci puerili*' li kien indaqq mill-Banda 'Konti Ruġġieru' fil-festa tan-Naxxar fl-1927. Wieħed ma jistax jgħid jekk, dan huwiex l-istess wieħed li jġib l-isem bil-Malti ta' 'Innu lill-Verġni Mbierka' li kien jindaqq f'lejlet u nhar il-festa ta' Santa Marija ġo Ħ'Attard mill-banda msemmija bejn l-1926 u l-1936. F'dan tal-aħħar kienu jkantaw kor tat-tfal bniet u tenur filwaqt li, il-versi tiegħu huma tal-Kav. G. Muscat Azzopardi.[11]



Kif wgħedtkom hawn fuq, ngħidilkom xi ħaġa wkoll dwar il-*marcia religiosa*, *O Del Cielo Regina Possente* (1897). Dan l-innu jinsab għand żewġ baned ewlenin Maltin – is-Soċjetà Filarmonika 'Nicolò Isouard' tal-Mosta u l-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria taż-Żurrieq. Fil-każ ta' din tal-aħħar, skont tagħrif li ntbagħtli permezz ta' *email* mill-arkivista Mro. Mauro Farrugia jidher li, għalkemm Miruzzi qatt ma' dderiġieha, kellu xi forma ta' kuntatt magħha lejn l-aħħar tas-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu li għadda. Infatti, fl-arkivju nstabu għadd ta' xogħlijiet magħdudin bħala 'żgħar' minn tiegħu fosthom, xi marċi brijużi u funebri, kif ukoll dan l-'Innu ż-Żgħir'. Mill-banda l-oħra jidher li s'issa ma nstabu l-ebda xogħlijiet 'kbar' Ta' Miruzzi fl-arkivju ta' din is-Soċjetà. Wieħed iżda għad irid jistħarreġ sewwa kif dan l-'Innu ż-Żgħir' spiċċa jindaqq mill-Banda Żurriqija. It-tweġiba jagħtihielna l-arkivista stess meta fl-istess *email* jgħidilna li teżisti dokumentazzjoni li, għall-okkażjoni tal-miġja tal-vara mill-ewwel restawr tagħha fl-1925 kien iżżanżan sett ta' marċi proċessjonali fosthom, dan l-Innu. Jidher li, wara s-sena msemmija, dan baqa' jindaqq ta' kull sena malli l-vara tkun qed tiddawwar mal-misraħ, u qabel jibda l-'Innu l-Kbir' tas-Surmast Bartoli. L-istess Innu jindaqq ukoll mill-Banda Żurriqija f'okkażjonijiet rari imma speċjali bħal meta l-vara tal-Madonna tal-Karmnu tkun

[5] Magħruf fost il-Mostin bħala l-'Poeta tal-Innijiet ta' Santa Marija.' Huwa twieled il-Mosta fl-1855 u ġie ordnat saċerdot fis-17 ta' Diċembru 1881. Miet ta' 77 sena wara snin twal ta' ħidma pastorali. Dun Wistin, saċerdot Mosti, jibqa' magħruf għall-pinna li kellu u għall-karità kbira li kien jagħmel ma' min kien ikun fil-bżonn. Hu kien jiġi ħu Giovanni (jew Ġanni) Azzopardi li, fl-1869 kien l-ewwel għalliem tal-mużika, surmast u wieħed mill-fundaturi tal-ewwel banda Mostija.

[6] Mifsud Matrenza Joseph: 'Maestro Antonio Miruzzi'. Ktieb tal-festa Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' 1994, pġ. 235–247.

[7] Idem.

[8] Din il-banda m'għadhiex teżisti. Kienet twaqqfet fl-1886 minn Mro. Ferdinando Camilleri. Mro. Antonio Miruzzi ħa din il-banda Slimiża f'idejh fl-1899 u dam magħha sakemm xoljiet fl-1902.

[9] Kien mill-Belt Valletta. Kien bit-tħabrik tiegħu li nbniet il-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor, Sliema.

[10] Il-gazzetta *Risorgimento* tal-25 tal-1902 kienet ġabet li dil-Banda żanżnet innu ġdid lill-Madonna mill-pinna ta' Mro. Miruzzi: '*... il nuovo inno alla Vergina composta del direttore della Filarm. I Cavalieri di Malta, Mro. A. Miruzzi ...*' (14-il profil ta' mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin ta' Grazio Anton Grech, pġ. 24.)

[11] Minn artiklu ta' Carmel Mallia li jġib l-isem ta' Storja tal-Innijiet.

intbagħtet għal xi restawr. Dwar dal-Innu jidher li, l-eqdem dokument li għandna f'idejna tiegħu jinsab f'rapport li kien deher fil-ħarġa tal-ġurnal 'Il-Veru Mannarinu' tal-1897. Skontu, l-innu popolari '*O Del Cielo Regina*' kien iżżanżan fil-festa ta' Santa Marija ġewwa l-Mosta proprju f'dik l-istess sena. Minn artiklu[12] ieħor insiru nafu wkoll li, 'l-isem oriġinali ta' dan l-Innu kien *Marcia Santa Maria*.' Maż-żmien iżda, bidel ismu għal '*O Del Cielo Regina*' peress li jiftaħ proprju b'dawn il-kelmiet. Fl-istess ġurnal tal-1897 insibu wkoll li, l-innu l-'ġdid' kienu kantawh kor puerili flimkien mal-Banda Mostija.




Innu ieħor minn ta' Miruzzi ddedikat lil Madonna huwa l-Innu lil Santa Marija li jindaqq ta' kull sena mill-Għaqda Mużikali 'Santa Marija' ta' Ħal Għaxaq.

Ta' Miruzzi għandna wkoll l-*iSstabat Mater in Re minore* għall-orkestra li mhux għajr innu f'ġieħ Marija li għexet qrib Binha meta kien qed imut fuq il-għuda tas-salib u qasmet miegħu tbatijietu. Huwa, biex ngħidu hekk, talba li tikkontempla n-niket tal-Verġni Marija hekk kif kienet wieqfa mbikkija taħt is-Salib ta' Binha (*Stabat mater dolorosa – juxta Crucem lacrimosa*). Ħafna huma l-kompożituri ta' fama mondjali li mmużikaw din is-sekwenza fosthom, Palestrina, Vivaldi, Pergolesi, Haydn, Schubert, Rossini, Dvŏrák u mgħandniex xi ngħidu, Giuseppe Verdi, li kien l-akbar influenza għal Miruzzi. Ma jistax jonqos għalhekk li, l-*iStabat Mater* ma tkunx mimlija b'passaġġi mill-aktar melodjużi li jagħrfu jmissu l-ħsus l-aktar ġewwiena tal-bniedem. B'kollox, fiha seba' movimenti, fejn l-ewwel tnejn biss huma ntitolati, u l-bqija innumerati biss:

| | Isem | Temp | Tonalità |
|---|---|---|---|
| | | | |
| 1 | *Stabat Mater* | *Largo* | Re minore |
| 2 | *Cujus Animam* | *Largo* | Re minore |
| 3 | | *Lugubre* | Sol minore |
| 4 | | *Andante* | Re minore/Sib Maggiore/Re minore |
| 5 | | *Moderato* | Mib Maggiore |
| 6 | | *Largo* | Do minore/Do Maggiore/Do minore |
| 7 | | *Largo* | Re minore |

Għeluq: Dan l-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Gudjani: (a) fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija li qed tiġi ċċelebrata ġewwa l-Gudja; (b) fl-okkażjoni tal-150 mit-twelid ta' Mro. Antonio Miruzzi (1867-1944); (ċ) fl-okkażjoni ta' għeluq it-30 sena tiegħi bħala għalliem tal-mużika fi skejjel statali u indipendenti (1987-2008), u lettur, illum anzjan, fil-*University of Malta Junior College* sa mill-1999.



Aktar artikli mill-istess awtur dwar ħajjet u ħidmet is-surmast Antonio Miruzzi, jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)

[12] Programm tal-festa ta' Santa Marija tal-Mosta tal-2012.